# Manwal ta' Użu - Applikazzjoni għal *Child in Care Benefit* (Servizz ta' *Foster Care*)

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Dan il-manwal ġie mfassal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jgħinek timla applikazzjoni onlajn għal *Child in Care Benefit* (Servizz ta' *Foster Care*) b'mod korrett u komplet.

Nota: Dan il-manwal ġie miktub għal skop ta' informazzjoni u m'għandux saħħa legali.

## Għal aktar informazzjoni


Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
38, Triq l-Ordinanza
Valletta VLT 1021

*Freephone* 153

social.security@gov.mt

www.socialsecurity.gov.mt


Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali juża l-informazzjoni provduta sabiex jipproċessa l-applikazzjoni. Nistgħu niċċekjaw l-informazzjoni provduta minnek jew informazzjoni dwarek provduta minn terzi persuni ma' informazzjoni oħra miżmuma għandna. Aħna marbutin li ma nikxfux informazzjoni dwarek lil persuni jew organizzazzjonijiet barra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sakemm dan ma jkunx permess mil-liġi. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jittratta l-informazzjoni personali tiegħek skont l-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440.) sabiex jipproteġi l-privatezza tiegħek.

# Istruzzjonijiet Ġenerali

Qabel tibda timla l-applikazzjoni, aċċerta ruħek li jkollok id-dokumenti mitluba kompluti:

1) Approvazzjoni mingħand il-Bord tal-*Fostering*: L-Ittra ta' Deċiżjoni li tiċċertifika li int u l-konjuġi (jekk applikabbli) ġejtu approvati bħala foster carer/s wara t-taħriġ u l-evalwazzjoni meħtieġa.
2) Formola tad-Dikjarazzjoni Iffirmata: Dan huwa dokument pdf u hu aċċessibbli permezz ta' link fin-naħa xellugija ta' fuq tal-applikazzjoni, taħt 'DOKUMENTI RELATATI'. Trid tinkludi wkoll it-timbru tal-Aġenzija Appoġġ. Trid tiġi pprintjatha qabel tiġi kompluta u ffirmata.
3) Digriet tas-Separazzjoni / Kuntratt tiegħek (jekk int separat/a).
4) Digriet tas-Separazzjoni/ Kuntratt tal-konjuġi (jekk il-konjuġi hu/hi separat/a).
5) Kopja tal-Mandat ta' Sekwestru (jekk għandek Kontijiet tal-Bank issekwestrati).

Id-dokumenti ffirmati kollha jridu jiġu skenjati fuq il-kompjuter sabiex jiġu mtella' fl-applikazzjoni.

Sabiex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jeħtieġ li timla numru ta' oqsma bid-dettalji mitluba. L-oqsma mandatorji jkunu mmarkati bi stilla ħamra (*). Hemm sitt (6) tipi ta' oqsma li huma spjegati f'paġna 3. Id-dettalji mitluba huma elenkati fil-paġni 4 u 5.

Ġaladarba d-dettalji mitluba kollha jkunu ġew mimlija, jeħtieġ li tissottometti l-applikazzjoni billi tagħfas fuq il-buttuna '**IBGĦAT**', fuq in-naħa ta' isfel tal-paġna.

# Tipi ta' Oqsma

| Tip ta' Qasam | Kif jidher | Kif iddaħħal id-Data | Kif tħassar id-Data |
|---|---|---|---|
| Data |  | Ikklikkja fuq il-kaxxa u ikteb id-data. Id-data jeħtieġ li tkun fil-format ġġ/xx/ssss (eż. 23/08/1986) | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna *Backspace* jew *Delete* fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ. |
| Lista tal-Għażla |  | Ikklikkja fuq il-lista tal-għażla u għafas fuq l-opzjoni mixtieqa. | Ikklikkja fuq il-lista tal-għażla u għafas fuq l-opzjoni mixtieqa. |
| Fajl | Fil-Google Chrome:  Fl-Internet Explorer:  | Ikklikkja darba fuq il-buttuna. Kaxxa ta' djalogu tidher li tippermettilek tfittex il-fajl. Meta ssibu, ikklikkja darbtejn fuqu (jew ikklikkja darba fuq il-fajl u kompli billi tikklikkja fuq 'Open'). Il-kaxxa ta' djalogu tingħalaq u l-isem tal-fajl imtella' jiġi jidher maġenb il-buttuna. | Fil-Google Chrome: Ikklikkja darba fuq il-buttuna. Kaxxa ta' djalogu tidher. Agħfas il-buttuna 'Esc' tat-tastiera (jew ikklikkja fuq il-buttuna 'Cancel'). Fl-Internet Explorer: Mexxi l-maws sabiex tagħżel il-kliem li jidentifika l-isem tal-fajl u agħfas *Backspace* jew *Delete* fuq it-tastiera. |
| Kaxxa tan-Numri |  | Agħfas fuq il-kaxxa u ikteb. Numri biss huma aċċettati. | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) fuq sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna *Backspace/Delete* fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ. |
| Kaxxa tal-Kliem |  | Agħfas fuq il-kaxxa u ikteb fiha. | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna *Backspace* jew *Delete* fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ. |
| Kamp tal-Kliem |  | Ikklikkja fuq il-kamp u ikteb fih. | Uża l-buttuna tat-tastiera *Backspace* jew *Delete* kif ikun hemm bżonn. |

# Dettalji Mitluba

| | Numru tal-Qasam | Isem tal-Qasam | Tip tal-Qasam | Meħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| **Dettalji dwar it-tfal li għalihom qed issir it-talba** | 1 | Isem | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 2 | Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 3 | Data tat-Twelid | Data | Iva |
| | 4 | Data meta t-tifel / tifla ma baqax / baqgħetx j/tgħix mal-familja tiegħu / tagħha | Data | Iva |
| | 5 | Data meta t-tifel / tifla beda / bdiet j/tgħix ma' din il-familja | Data | Iva |
| | 6 | It-tifel/tifla qiegħed/qiegħda taħt Ordni għal Ħarsien? | Lista tal-Għażla | Iva |
| | 7 | Jekk IVA, meta nħarġet l-Ordni? | Data | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 6 tkun 'IVA' |
| **Dettalji tal-*Foster Carers*: Kap tal-Familja** | 8 | Numru tal-Karta tal-Identità | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 9 | Isem | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 10 | Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 11 | Stat Ċivili | Lista tal-Għażla | Iva |
| | 12 | Nazzjonalità | Kaxxa tal-Kliem | Iva |
| | 13 | Numru tal-Mowbajl | Kaxxa tan-Numri | Le |
| | 14 | Imejl | Kaxxa tal-Kliem | Le |
| **Dettalji tal-*Foster Carers*: Konjuġi / Sieħeb / Sieħba** | 15 | Numru tal-Karta tal-Identità | Kaxxa tal-Kliem | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 11 tkun 'Miżżewweġ/Miżżewġa', 'Unjoni Ċivili' jew 'Koabitazzjoni' |
| | 16 | Isem | Kaxxa tal-Kliem | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 11 tkun 'Miżżewweġ/Miżżewġa', 'Unjoni Ċivili' jew 'Koabitazzjoni' |

| | Numru tal-Qasam | Isem tal-Qasam | Tip tal-Qasam | Meħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| **Dettalji tal-*Foster Carers*: Konjuġi / Sieħeb / Sieħba (tkompli)** | 17 | Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 11 tkun 'Miżżewweġ/Miżżewġa', 'Unjoni Ċivili' jew 'Koabitazzjoni' |
| | 18 | Stat Ċivili | Lista tal-Għażla | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 11 tkun 'Miżżewweġ/Miżżewġa', 'Unjoni Ċivili' jew 'Koabitazzjoni' |
| | 19 | Nazzjonalità | Kaxxa tal-Kliem | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 11 tkun 'Miżżewweġ/Miżżewġa', 'Unjoni Ċivili' jew 'Koabitazzjoni' |
| | 20 | Numru tal-Mowbajl | Kaxxa tan-Numri | Le |
| | 21 | Imejl | Kaxxa tal-Kliem | Le |
| | 22 | Indirizz Postali | Kamp tal-Kliem | Iva |
| | 23 | Digriet ta' Separazzjoni / Kuntratt (Kap tal-Familja) | Fajl | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 11 tkun 'Separat/a' |
| | 24 | Digriet ta' Separazzjoni / Kuntratt (Konjuġi) | Fajl | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 18 tkun 'Separat/a' |
| **Dettalji dwar il-Kont tal-Bank** | 25 | Għandek mandat ta' Sekwestru fuq kontijiet? | Lista tal-Għażla | Iva |
| | 26 | Kopja tal-Mandat ta' Sewkestru | Fajl | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 25 tkun 'IVA' |
| | 27 | Isem tal-Bank | Kaxxa tal-Kliem | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 25 tkun 'LE' |
| | 28 | IBAN | Kaxxa tal-Kliem | Iva, jekk ir-Risposta għal Nru. 25 tkun 'LE' |
| | 29 | Numru tal-Mowbajl għal notifika ta' SMS | Kaxxa tan-Numri | Le |
| | 30 | Approvazzjoni mingħand il-Bord tal-*Fostering* | Fajl | Iva |
| | 31 | Formola tad-Dikjarazzjoni ffirmata | Fajl | Iva |